MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2011

Appell Civili Numru. 8/1995/4

**Kummissarju tal-Artijiet**

**v.**

**Maria Teresa Deguara Caruana Gatto
u b'digriet tal-11 ta' Jannar 2000 il-gudizzju gie trasfuz fil-persuni ta' Maria Teresa maghrufa bhala Terry mart Brigadier Arthur Gera, Philip Amato Gauci u b'digriet tat-2 ta' Novembru 2010 stante l-mewt ta' Philip Amato Gauci l-atti gew trasfuzi f'isem Victoria Amato Gauci armla ta' Philip Amato Gauci, Markiz Joseph Philip Testaferrata Bonici bhala prokuratur tal-assenti Mariella Riemer, Christianne Huber, Louis Amato Gauci, Sgt. Joseph Gerard Amato Gauci,**

**Tanya O’Brian, Andrew Amato Gauci, Francesca Amato Gauci u Philip Amato Gauci u Giovanna maghrufa bhala Jean armla ta’ Anthony Soler stante l-mewt ta’ Beatrice Amato Gauci, Helen Miles, Nicholas Jensen, Agnes Gera de Petri, Anna Maria Spiteri Debono f’isimha proprju u f’isem l-assenti Caren Preziosi, Alfred Gera de Petri bhala prokuratur tal-assenti Irene Bache u bhala esekutur tal-eredita` ta’ Alfio Testaferrata Bonici Ghaxaq**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

Dan huwa appell minn sentenza moghtija mill-Bord tal-Arbitragg dwar Artijiet fis-27 ta’ Marzu, 2006 fil-kawza fl-ismijiet premessi. Fl-imsemmija sentenza jinghad hekk:
“Ra r-rikors tar-rikorrenti Kummissarju tal-Artijietipprezentat fit-3 ta’ Ottubru, 1995 fejn espona:

“Illi b’ittra ufficjali tat-22 ta’ Mejju 1991 l-intimati gew notifikati b’kopja ta’ Dikjarazzjoni tal-President ta’ Malta, fejn fost affarijiet ohra gie dikjarat li l-fondi numri Tnejn, Tlieta u Erbgha (2,3, u 4) Triq Qrejten, l-Imsida u hija ndikata bhala Item Nru 1, 2 u 3 fl-imsemmija dikjarazzjoni huma mehtiega ghal Skopijiet Pubblici u li l-akkwist taghhom ghandu jkun b’xiri assolut.

“Illi l-intimati gew ukoll notifikati b’avviz ghall-Ftehim fejn gew informati li l-kumpens li l-awtorita’ kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-fondi fuq imsemmija huwa ta’ sitt elf Lira Maltija (Lm6,000) kif jidher mir-rapport tal-Perit O Caruana Montaldo A&CE tal-21 ta’ Mejju,1991 li kopja tieghu Dok A hija annessa ma’ l-istess Avviz ghall-Ftehim.

“Illi b’ittra ufficjali tad-29 ta’ Mejju 1991 l-intimati Maria Teresa Deguara Caruana Gatto, Beatrice Amato Gauci, Helen Miles, Nicholas Jensen, Agnes Gera de Petri, Alfred Gera de Petri bhala prokuratur tal-assenti Irene

Bache u bhala esekutur tal-eredita’ ta’ Alfio Testaferrata Bonici Ghaxaq in forza ta’ digriet tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili bin-numru 1393/88 fost affarijiet ohra jiddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert u jitolbu li dan il-kumpens ghandu jkun ta’ ghoxrin elf lira Maltija (Lm20,000).

“Illi b’ittra ufficjali ohra tal-14 ta’ Gunju, 1991 l-intimata Anna Maria Spiteri Debono f’isimha proprju u f’isem l-assenti Caren Preziosi fost affarijiet ohra tiddikjara li ma taccettax il-kumpens offert u titlob li dan il-kumpens ghandu jkun ta’ hamsa u tletin elf Lira Maltija (Lm35,000).

“Illi b’cedola ta’ depozitu pprezentata fil-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta’ Ottubru 1993 gie depozitat il-kumpens offert ghal fondi fuq imsemmija u dan a terminu tal-artikolu 22(4) tal-Kapitolu 88.

“Illi skond l-istess Artikolu 22 tal-Kapitolu 88 dan id-depozitu ma jimpedix lill-intimati milli jkomplu jikkontestaw quddiem il-Bord l-ammont offert lilhom liema ammont, pero’ r-rikorrent jikkonferma li jqisu gust u skond il-ligi.

“Ghaldaqstant, ir-rikorret jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jiffissa l-kumpens ghall-proprjeta’ fuq imsemmija skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta’ Artijiet ghall-Skopijiet Pubblici (Kap 88).

“Ra li l-intimati Maria Theresa Deguara Caruana Gatto, Beatrice Amato Gauci, Helen Miles, Nicholas Jensen, Agnese Gera de Petri, Alfred Gera de Petri bhala prokuratur tal-assenti Irene Bache u bhala esekutur tal-eredita’ ta’ Alfio Testaferrata Bonici Ghaxaq in forza ta’ digriet tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili bin-numru 1393/88 ipprezentaw ir-risposta taghhom fid-19 ta’ Ottubru, 1995 fejn esponew:

“Illi l-valur gust tal-art esproprjata huwa dak indikat fl-ittra ufficjali tad-29 ta’ Mejju, 1991 li biha l-intimati Maria Theresa Deguara Caruana Gatto, Beatrice Amato Gauci, Helen Miles, Nicholas Jensen, Agnes Gera de Petri, Alfred Gera de Petri bhala prokuratur tal-assenti Irene

Bache u bhala esekutur tal-eredita’ ta’ Alfio Testaferrata Bonici Ghaxaq in forza ta’ digriet tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili bin-numru 1393/88 fost affarijiet ohra ddikjaraw li ma accettawx il-kumpens offert u talbu li dan il-kumpens ghandu jkun ta’ ghoxrin elf lira Maltija (Lm20,000).

“Semgha x-xhieda bil-gurament.

“Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

“Ra li l-partijiet gew debitament notifikati.

“Ikkunsidra:

“1. Ra li b’ittra ufficjali tad-29 ta’ Mejju, 1991 l-intimati Maria Theresa Deguara Caruana Gatto, Beatrice Amato Gauci, Helen Miles, Nicholas Jensen, Agnes Gera de Petri, Alfred Gera de Petri bhala prokuratur tal-assenti Irene Bache u bhala esekutur tal-eredita’ ta’ Alfio Testaferrata Bonici Ghaxaq in forza ta’ digriet tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili bin-numru 1393/88 talbu li l-kumpens ikun ta’ Lm20,000 u ma accettawx l-offerta tar-rikorrent.

“2. Ra li b’ittra ufficjali l-ohra tal-14 ta’ Gunju, 1991 l-intimata Anna Maria Spiteri Debono f’isimha proprju u f’isem Caren Preziosi talbet Lm35,000 u ma accettatx il-kumpens offrut.

“3. Ra d-digriet tieghu tat-12 ta’ Settembru 2005 fejn rega’ hatar lill-Periti Renato La Ferla u Joseph Jaccarini biex ilestu relazzjoni ohra.

“4. Ikkonsulta mal-periti mill-gdid li gharrfuh li ma setghawx jaghmlu access iehor billi l-oqsma illum m’ghadhomx hemm u nbena bini iehor mill-awtoritajiet u kienu jistriehu ghal kollox fuq ir-relazzjoni taghhom salv dak li tghid il-ligi dwar kumpens.

“5. Ra r-relazzjoni tal-periti li kienu stmaw l-oqsma Lm32,796.

“6.  Ra li skond il-ligi llum (art 25(1) )

“L-ammont ta’ kumpens li jigi determinat mill-Bord skond id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (e) m’ghandux jeccedi l-oghla ammont ta’ kumpens li jkun gie propost minn xi wahda mill-partijiet”.

“7.Il-Bord hawnhekk ghandu diversi intimati li talbu prezzijiet differenti ghall-istess art kif ir-rikorrent offra somma wahda bhala kumpens ghall-art. F’dan il-kaz il-Bord jifhem li l-oghla somma hi ta’ Lm35,000 li ghandha tipprevali fuq l-istima tal-periti.

“Ghalhekk il-Bord jilqa’ t-talba tar-rikorrent u jordna lill-intimati jittrasferulu l-fondi numri 2,3 u 4 Triq Qrejten, l-Imsida bil-prezz ta’ Lm35,000 elf lira Maltija li skond cedola ta’ depozitu tal-21 ta’ Ottubru 1993 minnhom huma depozitati taht l-Awtorita’ tal-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili Lm6,000;

“Jahtar lin-Nutar Vincent Miceli jew lin-nutar li jkun qed jaghmilha floku biex jippubblika l-att fis-17 ta’ Mejju, 2006 ***fil-10:00/11:00a.m*** u jew f’data ohra bi ftehim bejn il-partijiet li ma taqbisx tlett xhur millum; l-ispejjez jithallsu mir-rikorrent. Jahtar lil Dr Stephen Muscat biex jidher fuq l-att ghall-kontumaci.

“Il-Bord ikollu jghid li f’dan ir-rikors sab tfixkil kbir min naha tad-Dipartiment tal-Art u mhux lest izjed li jhalli jintilef zmien ghax id-Dipartiment ma ghandux flus biex ihallas ta’ art li tkun qed tigi espropjata, l-aktar meta z-zmien bhal f’dan il-kaz ikunta’ dewmien ghas-sidien.”

**L-appell tal-Kummissarju tal-Artijiet.**

Il-Kummissarju tal-Artijiet hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk, b’rikors intavolat fis-17 ta’ April, 2006, talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka d-digriet tat-30 ta’ Ottubru, 2001 li bih gew sostitwiti l-membri teknici tal-Bord kif ukoll is-sentenza tal-Bord tal-Arbitragg dwar l-Artijiet tas-27 ta’ Marzu, 2006, u minflok tilqa’ l-appell tieghu u

jew terga’ tibghat il-kawza quddiem l-istess Bord sabiex din tigi trattata u deciza skont il-ligi quddiem il-Membri Teknici tal-istess Bord illi kienu originarjament jikkomponuh jew tiddisponi mill-kawza kif jidhrilha xieraq u skont il-ligi. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati.

L-intimati appellati pprezentaw risposta ghall-appell tar-rikorrent fejn talbu li l-appell jigi michud u, minkejja li huma ma intavolaw ebda appell f’dawn il-proceduri ddikjaraw “*salv l-appell interpost mill-esponenti.*” Din id-dikjarazzjoni ma taghmel ebda sens u tirrifletti biss id-dizgwid li inholoq fil-proceduri bejn l-istess partijiet anke fir-rigward ta’ proprjeta’ ohra esproprijata.

Illi dan id-dizgwid zdied meta l-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) li quddiemha skorrettament gie appuntat dan l-appell, fl-24 ta’ Jannar, 2007 dehrilha li taghmel referenza kostituzzjonali quddiem il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili mhux ghax kienu tqajjmu kwistjonijiet ta’ vjolazzjoni ta’ dispozizzjonijiet Kostituzzjonali jew Konvenzjonali f’din il-kawza izda, qiesu *by reference*, ghax f’kawza ohra bejn l-istess partijiet kienu tqajjmu kwistjonijiet simili. Din il-Qorti, wara li hadet konjizzjoni tar-rikors ta’ appell hija sorpriza kif il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili u bhala l-Qorti Kostituzzjonali indenjaw ruhhom li jikkunsidraw ir-referenza maghmula meta ma kien hemm ebda kwistjoni ta’ natura kostituzzjonali. Fil-verita` fl-ahhar minn l-ahhar kull aggravju ta’ natura Kostituzzjonali jew Konvenzjonali (mhux f’dawn il-proceduri izda f’kawza ohra) gew michuda in toto.

Issa nghaddu biex nikkunsidraw l-appell tal-Kummissarju tal-Artijiet.

Fir-rikors tal-appell tieghu l-Kummissarju tal-Artijiet ressaq tlett aggravji kontra s-sentenza appellata. Dawn jikkoncernaw:

**a) <u>L-Irregolarita` tan-Nomina u tal-Operat tal-Periti Godda waqt il-Procedura tar-Ritrattazzjoni.</u>**

Jigi osservat mill-ewwel li f'din il-kawza qatt ma kien hemm proceduri ghar-ritrattazzjoni. Ir-rikors intavolat fit-3 ta' Ottubru, 1995 gie deciz bis-sentenza tas-27 ta' Marzu 2006 li minnha qed isir dan l-appell. Din il-Qorti ghalhekk ma tistax tifhem x'kellu f'mohhu l-appellant b'dan l-aggravju.

Din il-Qorti izda tosserva li fil-bidu ta' dawn il-proceduri, u cioe` fl-4 ta' Ottubru, 1996, c-Chairman tal-Bord kien hatar bhala membri teknici biex jassistuh, lill-Perit Valentino u l-Perit Mizzi. Izda meta, wara li kienet inghatat is-sentenza eventwalment ritrattata bejn l-istess partijiet fir-rikors numru 2/94 irrizulta li l-periti hawn fuq imsemmija hemm mahtura biex jaghtu stima ta' proprjeta` ohra tal-intimati, kienu wkoll inkludew il-proprjeta` mertu ta' dawn il-proceduri, l-intimati rrekuzaw lill-istess periti billi kienu gia` esprimew ruhhom fuq il-valur taghha.

Issa l-Artikolu 23(5) tal-Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi espressament li l-Artikoli 733 sa 737 u l-Artikolu 739 tal-Kap. 12, u cioe` l-provvedimenti li jittrattaw dwar ir-Rekuza ta' Imhallfin u Magistrati, ghandhom japplikaw ghac-Chairman u l-membri tal-Bord u, jkompli jipprovdi, li kull rekuza ta' membru tal-Bord ghandha tigi deciza mic-Chairman li minnha ma jkunx hemm appell. Fil-kaz in ezami kien proprju dan li gara billi c-Chairman, konfrontat bit-talba ghar-rekuza tal-periti, hass li din kienet gustifikata ghar-ragunijiet fuq moghtija u minn din id-decizjoni ebda wahda mill-partijiet ma tista' tappella. Dan l-aggravju ghalhekk mhux gustifikat u qed jigi michud.

**b) <u>Ir-Rapport tal-Membri Teknici.</u>**

Hawn l-appellant Kummissarju tal-Artijiet jiccita l-Artikolu 25(5) tal-Kap. 88 biex jargumenta li la darba r-rapport tal-Perit Jaccarini qatt ma gie ffirmat, allura r-rapport tal-Perit Laferla ma kienx validu u ma setghax jittiehed in konsiderazzjoni.

Fl-ewwel lok din il-Qorti tosserva li kull kumment maghmul mill-appellant fuq rapporti tal-periti ma jaghmel ebda sens billi fil-process dawn ir-rapporti ma jirrizultawx. Ghalhekk

din il-Qorti ma tistax taccerta jekk gewx iffirmati jew le. Biss tosserva li l-artikolu citat mill-appellant ghandu l-iskop li jorbot lic-Chairman tal-Bord fil-fissazzjoni tal-kumpens kemm-il darba jkun hemm unanimita` tal-membri teknici. Ghal kuntrarju jekk ma jkunx hemm unanimita` c-Chairman huwa liberu li jiddeciedi l-kwistjoni wahdu. Jidher li f'dan il-kaz, jekk dak li qed jigi allegat mill-appellant huwa minnu, huwa dak li gara u effettivament c-Chairman iddipartixxa mill-ammont likwidat u ta bhala kumpens l-ammont reklamat. Dan l-aggravju ghalhekk mhux gustifikat u qieghed jigi michud.

c) **<u>Il-Kwistjoni tal-Kumpens fid-Dawl tad-Dispozizzjonijiet tal-Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta.</u>**

L-appellant jaghmel referenza ghall-emenda li giet introdotta fl-2004 li tipprovdi li "*l-ammont ta' kumpens li jigi determinat mill-Bord skont id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (e) m'ghandux jeccedi l-oghla ammont ta' kumpens li jkun gie propost minn xi wahda mill-partijiet.*" Imbaghad jargumenta li l-Bord, bhal kull Qorti jew Tribunal ma jistax jmur oltre t-talba u ghalhekk, jghid l-appellant, li meta Maria Teresa Deguara Caruana Gatto u ohrajn, (hlief ghal Spiteri Debono u Preziosi) kienu talbu LM20,000 ghal din il-proprjeta`, il-Bord kien skorrett, almenu fir-rigward taghhom, li jillikwida l-kumpens bir-rata ta' LM35,000. Jidher pero` li l-appellant qed jaqra l-proviso introdott fl-2004 b'mod zbaljat billi hemm jinghad espressament li l-kumpens li jinghata "*ma ghandux jeccedi l-oghla ammont ta' kumpens <u>li jkun gie propost minn xi wahda mill-partijiet</u>.*" Huwa minnu li dan il-proviso ipoggi "ceiling" fuq l-ammont ta' kumpens li ghandu jinghata pero` l-legislatur hass li jkun gust li dan is-"ceiling" ghandu jivvantagga lill-partijiet kollha u mhux lil dik il-parti biss li tkun talbet l-ghola ammont. Dan l-aggravju ghalhekk mhux gustifikat u qed jigi michud.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-Kummissarju tal-Artijiet qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrent appellant, b'dana li l-att relattiv ghandu jigu pubblikat fis-17 ta' Mejju, 2011 fl-istess hin u lok u mill-istess nutar imsemmi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------